# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Mejju, 2001**

**Numru 32**

**Cit. Nru. 528/01 GCD**

**Gasan Enterprises Limited**

**Vs**

**Joseph u Theresa konjugi Grima**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici skond tmintax (18)-il kambjala (Dok. 1 – Acc. 3399502 Nru. 011 sa 028) hija kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u sittin liri Maltin, u tmintax-il centezmu (Lm3,168.18);

Illi dawn il-kambjalijiet kollha skadew u baqghu ma thallsux u dana ghalkemm il-konvenuti gew imsejha hafna drabi sabiex ihallsu dan l-ammont;

U illi jezistu l-elementi kollha li trid il-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu ta' l-attur nomine huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta` attrici, il-konvenuti ma ghandhomx l-ebda raguni jew eccezzjoni valida x'jaghmlu f'din il-kawza;

Talbet illi din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u sittin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm3,168.18), dovuti skond kambjalijiet kif fuq intqal u ghar-ragunijiet premessi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra bonarja datata 26 ta' Frar 2001 u bl-imghaxijiet legali.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf mill-Avukat Louis Bianchi u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenuti baqghu ma dehrux.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm